StudentBounty.com

DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2011**

Rotta 1

**IR-RABA' SENA** **MALTI** **ĦIN : Sagħtejn**

**Isem :** ________________________ **Klassi :** ___________________

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA:**

**SKEMA TA' MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 18 | 28 | 12 | 12 | 30 | 100 |
| Marki tal-istudent/a | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

# A. Silta għall-qari (18-il marka)

## Fejn hemm l-injoranza, taħdem il-fantasija



Kulma hu ġdid dejjem jiċċalinġjana u jbeżżagħna. Għalina din ħaġa ġdida li naraw nies ta' ġilda sewda fuq tal-linja, fit-toroq, fil-pjazez, fil-postijiet tax-xogħol.

Dari konna ngħidulhom "tal-Missjoni". Għalina s-suwed kienu nies li jgħixu fil-faqar, li kienu jmorru l-missjunarji biex jgħinuhom.

Il-problema tfaċċat meta dawn in-nies suwed bdew jaslu fuq xtutna. Insejħulhom "klandestini", "illegali", "refuġjati" ... Ma nafux min huma u minn fejn u għaliex ġejjin.

U, trid jew ma tridx, quddiem xi ħadd li jitfaċċa ġo darek bla ma tkun stedintu, tħossok timtela' bil-biża'. Dan żgur ġie biex jeħodli xi ħaġa. Min jaf x'mard qiegħed iġib miegħu?

Ladarba tidħol il-biża', allura l-moħħ jitlaq jiġri u jimmaġina elf ħaġa. Minn hawn jinbet ir-razziżmu. Id-dehra ta' barra, speċjalment fejn jidħlu s-suwed, donnha weħidha diġà tbeżżgħek.

Biex nirbħu din il-biża' m'hemmx rimedju aħjar mill-informazzjoni. Jeħtieġ inkunu nafu aħjar il-verità x'inhi. Meta ssir taf il-verità, titlaq il-biża' u tista' tibda tħares lejn l-oħrajn bħala bnedmin bħalek.

(addattament minn kitba li dehret f' *Lil Ħbiebna*)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

1. Agħżel it-tweġiba t-tajba billi tagħmel sing taħtha:

i. Il-ġdid (jiċċalinġjana, nifirħu bih, naċċettawh).
ii. Skont is-silta, aħna (mdorrijin, m'aħniex imdorrijin, is-soltu) naraw nies ta' ġilda sewda f'pajjiżna.
iii. Fl-antik lil dawn in-nies konna nsejħulhom ("klandestini", "refuġjati", "tal-Missjoni").

2. Mis-silta sib u ikteb il-kelma li jonqos: (6)

i. Għalina, is-suwed kienu nies li jmorru jgħinuhom il-m_______________.
ii. Meta jidħol il-biża', jinbet ir-r________________.
iii. Biex nirbħu l-biża' hemm bżonn l-i________________.

3. Kompli t-tweġiba: (6)

i. X'jeħtieġ li nkunu nafu?
Jeħtieġ li nkunu nafu _______________________________
_______________________________.

ii. X'tagħmel meta ssir taf il-verità?
Meta ssir taf il-verità _______________________________
_________________________________________________.

## B. Lingwa (28 marka)

1. Erġa' ikteb din is-silta bil-punteġġjatura f'postha. (6)

kienu s-sitta ta' filgħaxija kelinu bl-imgħażqa fuq spalltu u bil-kappell kbir tat-tiben f'rasu kien sejjer lejn id-dar

_____________________________________________________

_____________________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B bħal fl-eżempju:

| Kolonna A | | Kolonna B | |
|---|---|---|---|
| 1 | inter- | | metru |
| 2 | sopra- | | pubblika |
| 3 | awto- | | komunikazzjoni |
| 4 | tele- | | possibbli |
| 5 | ċenti- | **1** | nazzjonali |
| 6 | im- | | bijografija |
| 7 | re- | | naturali |

3. Għaqqad iż-żewġ sentenzi f'waħda bl-użu tal-kliem miktub fil-kaxxa t'isfel, bħal fl-eżempju: (8)

i. Iz-zija Grace serquha. Kienet imsiefra.
   Iz-zija Grace serquha meta kienet imsiefra.

ii. Il-bieraħ ma mortx skola. Kont ma niflaħx.

______________________________________________

iii. L-ewwel lesti li għandek tagħmel. Ara l-film kemm trid.

______________________________________________

______________________________________________

iv. Kont nixtri kompjuter. Kelli 500 ewro.

______________________________________________

v. Xtaqt kieku bqajt nilgħab bil-*PSP*. Kelli wisq x'nikteb.

______________________________________________

______________________________________________

| imbagħad, imma, **meta**, kieku, għaliex |
|---|

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

4. Imla l-vojt fis-sentenzi li ġejjin bil-kelma t-tajba mill-kaxxa t'isfel, bħal fl-eżempju: (8)

i. "Ar'<u>hemm</u>," qalet Wendy lil Marija.
ii. __________ tlieta toqgħod il-borma.
iii. Aħjar __________ milli barra.
iv. In-naħa ta' __________ hemm xeni mill-isbaħ.
v. Qiegħed jinġabar in-nemel __________ il-mejda.

| |
|---|
| ġewwa, madwar, Fuq, **hemm**, quddiem, |

## Ċ. Malti Prattiku (12-il marka)

Imla l-vojt bil-kelma t-tajba mill-kaxxa ħalli tikteb rapport f'gazzetta.

**SFRATTATA SERQA MINN BUĠIBBA**

Żewġ __________ tal-Pulizija, li kienu qegħdin jagħmlu r-__________ madwar it-toroq ta' Buġibba, kienu strumentali biex tiġi __________ serqa. Dan, wara li ħalliel b'wiċċu mgħammad b'kalzetta tan-*nylon*, li kien diġà __________ grada ta' ħanut, daħal b'ħeffa f'karozza pparkjata u għeb minn fuq il-post. L-isgass kien seħħ f'ħanut tal-arloġġi. Is-__________ ġiet sfrattata meta l-ħalliel lemaħ lill-pulizija fi Triq il-Kbira, fejn jinsab il-ħanut imsemmi. Il-pulizija bdiet __________ l-każ immexxija mill-Ispettur tad-Distrett. Ġew ikkuntattjati s-sidien tal-ħanut li wara vverifikaw li ma kien insteraq xejn.

| |
|---|
| sfrattata, sgassa, kuntistabbli, tinvestiga, ronda, serqa |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

# D. Letteratura (12-il mark

**i. Proża**

### Jumi u Petriga



L-aħbar li Jumi u Petriga għosfru ġriet mar-raħal bħalma jiġri serp fil-qasbija. Wara ftit sar jaf kulħadd. Ħadd ma kien jaf sewwa x'ġara, u għalhekk kulħadd qal tiegħu. Kulħadd tenna l-ġrajja tiegħu kif fehemha u ħasibha. Sidor u Benna aħjar qabdithom il-pesta milli ġratilhom din id-disgrazzja għax il-ħarba ta' binhom ma' dik il-ħatba kienet l-agħar skandlu li qatt instema' bih fir-raħal. Mhux għax ħwejjeġ bħal dawn f'San Rokku qatt ma ġraw qabel, iżda għax, ħażin jew tajjeb, fl-aħħar dejjem tranġaw b'wiċċ il-ġid.

(silta minn **Ir-Ribelli** ta' J.J. Camilleri)

Agħżel l-aħjar tweġiba billi tagħmel sing taħtha: (6)

(a) X'saru jafu n-nies tar-raħal?

i. In-nies tar-raħal saru jafu bil-ħarba ta' Petriga ma' Jumi.
ii. In-nies tar-raħal saru jafu bi traġedja.

(b) Għaliex Sidor u Benna ħaduha tant bi kbira din il-ħarba?

i. Ħaduha tant bi kbira għaliex Jumi ma kien qalilhom b'xejn.
ii. Ħaduha tant bi kbira għaliex dan kien l-akbar skandlu.

(ċ) Taħseb li ħaġa bħal din qatt ma kienet ġrat bħalha qabel?

i. Iva, ħaġa bħal din qatt ma kienet ġrat bħalha qabel.
ii. Le, ħaġa bħal din kienet ġrat bħalha qabel.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## ii. Poeżija

Le, le, tibqax tistenna aktar illejla,
sar ħafna ħin u ħuk, Sara, m’hux ġej.
Iss’idħol orqod w agħlaq dik it-tieqa,
il-kwiekeb feġġu w riesaq ġmielu l-lej’.



Xi nies mexjin lilhinn u qed jitbiegħdu,
U jidher ajruplan fil-bogħod għaddej,
Fil-port dieħel vapur, waqfu l-karozzi,
’mma ’l hawn m’hu riesaq ħadd u ħuk m’hux ġej.

………. (2 strofi minn **Mur Orqod Binti** ta’ Oliver Friggieri)

Agħżel it-tweġiba t-tajba billi tagħmel sing taħtha: (6)

(a) Il-poeta qed jitkellem ma’ (ibnu, bintu Sara, oħtu).

(b) Il-poeta qed jgħid lil bintu biex ma tibqax (tidħak b’ħuha, rieqda, tistenna lil ħuha).

(ċ) Jgħidilha wkoll biex (tidħol torqod, tibda taqra, tinħasel).

(d) Fit-tieni strofa l-poeta jsemmi bosta (annimali, nies, mezzi ta’ transport).

(e) Il-poeta (hu żgur, ma jafx, nesa) li ibnu mhux ser jiġi lura.

(f) L-istrofi jissejħu (sestini, terzini, kwartini).

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

## E. Kitba ta' sentenzi / paragrafi (30 mark

StudentBounty.com

1. Qiegħed in-numri 2 sa 6 ħdejn il-paragrafi ħalli tkompli t-tagħrif dwar attrazzjoni ġdida fil-Belt Valletta. (10)

| | |
|---|---|
| Tagħti wkoll tagħrif dwar l-Istorja rikka tal-gżejjer Maltin, mill-wasla tal-ewwel nies Neolitiċi sal-irwol erojku tat-Tieni Gwerra Dinjija. | |
| L-attrazzjoni awdjoviżiva ġdida fil-Belt Valletta, il-*Valletta Living History*, se tibda tintwera fiċ-ċinema fix-xahar ta' Lulju. | **1** |
| Id-dokumentarju ta' din l-attrazzjoni nkiteb mill-kittieb ta' fama Jonathan Rich, taħt id-direzzjoni ta' Vince Briffa, direttur ta' waħda mill-aqwa kumpaniji tal-films. | |
| *Valletta Living History* żgur li se tkun attrazzjoni speċjali, kemm għall-Maltin u wisq aktar għat-turisti li jżuru lil pajjiżna. | |
| Din l-attrazzjoni innovattiva tieħu lill-individwu fuq vjaġġ matul iż-żmien u l-Istorja billi tagħti l-fatti u ċ-ċifri tal-belt kapitali ta' Malta. | |
| U l-attur prinċipali f'*Valletta Living History* hu Manuel Cauchi, attur famuż sew f'pajjiżna. | |

**U**

2. Ikteb madwar **200** kelma dwar **wieħed** minn dawn fuq karta separata. Il-kliem fil-parentesi jista' jgħinek: (20)

   i. **L-użu tal-kompjuter fi żmienna.** (int għalxiex tużah?; għalxiex jintuża d-dar, fil-ħwienet, fil-fabbriki, fl-uffiċċji?)

   ii. **Fid-dar ngħin lil ommi.** (meta tgħin lil ommok; x'tagħmel fid-dar?; kif tqassam ix-xogħol?; kif tħossok meta tgħin?)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers